# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Revoka Nru.: 830/2018 MH**

**Illum, 2 ta' Novembru, 2018**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 1246/18 fl-ismijiet**

**Comandante Maurizio Vincenti**

**vs**

**Captain Marcello Labor (K.I. Nru 0160374(A) u TRTO Agency Ltd (C7031)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors b'urġenza tal-Kaptan Marcello Labor u TRTO Agency Ltd tat-8 ta' Awissu 2018** li permezz tiegħu esponew:

1. *"Introduzzjoni*

   *1.1.Illi l-attur, il-Kaptan Maurizio Vincenti, talab u ottjena il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kontra l-esponent għall-valur ta' mija u għoxrin elf Ewro (€120,000);*

1.2. *Illi l-kawża dedotta mill-istess attur, hija s-segwenti: "Rappreżentanti ħlas għal servizzi mogħtija fuq inkarigu mogħtija minn Captain Marcello Labor kif dedott aħjar fil-kawża li qed tiġi ppreżentata kontestwalment ma dan il-mandat";*

1.3. *Illi fil-kawża preżentata kontestwalment mal-mandat odjern, l-attur ma jagħmel ebda referenza għall-artikolu tal-liġi li qed jibbaża t-talba tiegħu fuqha, ma jippreżenta ebda dokument, kuntratt jew ftehim u lanqas ma jindika liema Kapitolu huwa l-fonti tad-dritt tiegħu;*

1.4. *Illi l-esponenti huwa kompletament sbalordit b'dan il-mandat fil-konfront tiegħu personalment, kif ukoll fil-konfront tas-soċjeta li huwa azzjonist u direttur tagħha, u ċioè, TRTO Agency Limited, u dan peress li din hija l-ewwel darba li qatt sema' bl-ammont allegatament dovut, liema ammont qatt ma ssemma, lanqas f'ittra bonarja li ntbagħtet lilu aktar minn xahar qabel ma ġie ntavolat il-mandat odjern;*

1.5. *Illi għaldaqstant dan il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront tiegħu inħareġ b'mod vessatorju għall-aħħar u bi ksur tal-liġijiet applikabbli ta' din il-proċedura;*

1.6. *Illi għaldaqstant, permezz tal-preżenti, l-esponenti qiegħed inter alia jitlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru maħruġ fil-konfront tiegħu u dan għar-raġunijiet li ser jiġu hawn spjegati.*

2. *Kunsiderazzjonijiet*

2.1. *Illi l-ewwel li jrid jingħad huwa li mhuwiex leċitu li mandati ta' natura kawtelatorja jiġu abbużati b'dan il-mod u li jintużaw bħala mezz ta' arm twisting sabiex jiġu kkreati sembjanzi ta' obbligazzjonijiet li ma jeżistux. Fil-fatt is-somma ta' mija u għoxrin elf (€120,000) hija somma għall-kollox eżeġerata, eċessiva u li kif ser jirriżulta, ma tagħmel l-ebda sens fil-każ in kwistjoni, tant li ma tħalli l-ebda dubju f'moħħ l-esponenti, li dan l-ammont qiegħed jiġi kkawtelat sabiex ipoġġi għal kuptejh in-negozju tal-esponenti;*

2.2. *Illi filwaqt li huwa minnu li min-natura tagħhom, mandati kawtelatorji joħolqu inkonvenjent, f'dan il-każ partikolari, l-esponent spiċċa isofri danni inġenti ibbażati fuq pretensjonijiet kompletament bla bażi u msejsin unikament fuq kawżali fiergħa u pika bejn il-partijiet, li anke mil-mod stess ta' kif inhi redatta tindika li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet anqas biss kienet waħda kuntrattwali;*

2.3. *Illi l-partijiet f'din il-kawża, it-tnejn piloti, għandhom relazzjoni professjonali ma' xulxin, fis-sens illi ġieli ħadmu flimkien f'kumpanija li kienu azzjonisti tagħha ġewwa l-Italja fost oħrajn. Illi fil-fatt, l-esponenti fetaħ soċjeta ġewwa Malta bl-isem ta' TRTO Agency Limited u jirriżulta li fl-istadju inizjali tagħha, huwa kien avviċina lil attur biex jara jekk kienx interessat li jaħdem miegħu ġewwa Malta.*

2.4. *Illi filwaqt li l-attur aċċetta li jieħu f'idejh xi xogħol tas-soċjeta TRTO Agency Limited, qatt ma ġie ffirmat xi forma ta' ftehim bejn il-partijiet, la fuq ħlas u lanqas fuq x'tip ta' xogħol kien ser ikun qiegħed jagħmel l-attur, ġialadarba s-soċjeta tkun bdiet tiffunzjona.*

2.5. *Illi kif ser jirriżulta waqt il-mertu tal-kawża, imma li qiegħed jiġi spjegat hawnhekk ukoll sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun tista tifhem l'ambitu li fih inħolqot animosita' bejn il-partijiet tant li waslet sabiex jibdew dawn il-proċeduri, l-attur, u ċioè, il-Kaptan Vincenti ma bediex jagħmel xogħolu kif suppost tant li l-esponenti flimkien ma impjegati oħra ta' TRTO Agency Limited, spiċċaw kellhom jagħmlu x-xogħol huma stess.*

2.6. *Illi l-partijiet, meta raw li l-ftehim bejniethom ma kienx ser jaħdem, ftehmu illi l-esponenti iħallas ammont lill-attur bħala pagament għas-saldu ta kwalunkwe xogħol li seta sar u b'hekk tterminaw b'mod immedjat ir-relazzjoni ta' bejniethom, liema pagament sar fi flus kontanti fuq talba tal-attur stess, għar-raġunijiet li jafhom hu;*

2.7. *Illi aktar importanti minn hekk għal din l-Onorabbli Qorti huwa l-fatt li kif ġie spjegat hawn fuq, fiż-żmien li fih eżistiet relazzjoni bejn il-partijiet u qabel ma sar il-pagament surreferit f'paragrafu 2.6, ma kien hemm qatt diskussjoni bil-fomm u wisq anqas bil-miktub, dwar xi forma ta' ftehim dwar ħlas, paga, qsim ta' profitt, eċċ... u li allura taħt l-ebda immaġinazzjoni ma jista jifhem l-esponenti kif l-attur wasal għas-somma ta' mija u għoxrin elf Ewro (€120,000);*

2.8. *Illi minkejja li l-esponenti jinsisti li ma għandu jagħmel ebda pagament ulterjuri, l-attur qiegħed jinsisti li huma dovuti lilu mija u għoxrin elf Ewro, liema somma ma ssib l-ebda bażi f'dokumenti, messaġġi jew xi ftehim ieħor u għaldaqstant hija l-opinjoni umli tal-esponenti li s-somma li wasal għaliha l-attur hija waħda kompletament esaġerata u eċċessiva u li kif diġa ingħad, ma ssib l-ebda bażi fil-liġi.*

2.9. *Illi għalhekk l-esponenti ma għandu l-ebda dubju, li din il-manuvra tal-attur, u ċioè, li jintavola dawn il-proċeduri u jikkawtela ammont daqshekk kbir u eseġerat, m'hi xejn ħlief attentat ċar sabiex l-attur ixxekkel jew kompletament jipparalizza in-negozju tal-esponenti.*

2.10. *Illi kif intqal fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tad-29 ta' Marzu tal-2010, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Perit Raymond Vassallo et. Vs Perit Edward Micallef et*** *"[din il-Qorti] tħoss li min joħroġ mandat ta' sekwestry,* ***għandu joħorġu meta jkun ċert li għandu d-dritt****, u li dan joħroġ skond il-liġi viġenti u mhux b'mod kapriċuż. Illi in vista ta' dan kollhu, jidher li l-iskop tal-intimati li joħorġu l-mandat kien wieħed vessatorju animat mill-ħerqa li jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom… F'dan il-każ din il-Qorti tħoss li għanda tiġi applikata l-istess penali fil-konfront ta' kull rikorrent u dan għandu jittieħed bħala deterrent sabiex jiskoraġixxi lill-intimati li joħorġu tali mandati kawtelatorji mingħajr ma jieħdu responsabbilita' ta' atti minnhom preżentati, għaliex faċilment jista jkun li f'xenarju ieħor il-konsegwenza tal-atti tal-intimati jkunu bil-wisq iżjed serji speċjalment meta jiġu kkawżati danni serji lir-rikorrent"*

2.11. *Illi similarment, fid-deċiżjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 t'April 2009 fl-ismijiet* ***Grands Properties Limited vs Domestica Limited*** *intqal li "Att kawtelatorju anke min-nomenklatura tiegħu huwa intiż sabiex iħares il-kreditu f'każ ta' deċiżjoni favorevoli għall-kreditur – skond l-Art 829 tal-Kap 12 "sabiex iqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tal-kreditur". Iżda mhux intiż sabiex ikun mezz fejn issir pressjoni indebita kontra d-debitur sabiex iġġiegħlu jaċċetta t-termini tal-kreditur meta dan għadu mhux hekk kanonizzat b'deċiżjoni tal-Qorti. Meta jirriżulta hekk bħal fil-każ in eżami, l-att kawtelatorju jsir*

*frivolu u vessatorju u għalhekk min ikun talab il-ħruġ tal-att għandu jinkorri penali".*

2.12. *Ill għaldaqstant jeżistu l-elementi neċessarji fil-liġi sabiex l-esponenti jottjeni r-revoka tal-mandat de quo u kif ukoll li jottjeni r-rimedji l-oħra maħsuba fil-liġi għal-każijiet konsimili:*

2.12.1. *Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 -* ***Jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;***

*Illi l-esponent isostni li tenut kont taċ-ċirkostanzi fattwali u preżenti magħdudin mal-kunsiderazzjonijiet legali appena esposti, ma jirriżulta minn imkien, speċjalment fuq bażi prima facie, li l-ammont huwa dovut jew li xi darba eżista ftehim, anke bil-fomm, li xi ammont huwa attwalment dovut, u għalhekk jeżistu raġunijiet validissimi sabiex il-mandat ta' sekwestru de quo jiġi revokat jew għallinqas redott u dan peress li ma jeżisti l-ebda dubju li l-ammont li qed jintalab huwa mingħajr ġustifikazzjoni u mingħajr ebda dubju, eċċessiv.*

2.12.2. *Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 –* ***Jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli;***

*Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jeżisti wkoll fil-każ odjern element ċar ta' nuqqas ta' ġustifikazzjoni li l-mandat jiqba in vigore u għalhekk ai termini tal-artikolu 836(1)(f), ġialadarba il-mandat ma jkunx għadu raġjonevoli li jibqa fis-seħħ,*

*jew jekk ma jkunx hemm ġustifikazzjoni ċara, għandu jiġi revokat il-mandat. Mil-fatti speċifiki tal-każ, meta jirriżulta biċ-ċar li l-ammont li qiegħed jintalab tant hu kbir, li ma jħalli l-ebda dubju li huwa eċċessiv, iqajjem dubju serju fl-intendiment tal-attur li jwassal sabiex ma jħallix dubju li ma kien hemm l-ebda raġuni valida fil-liġi għalfejn kellu jinħareġ il-mandat, ħliefa sabiex jagħmel pressjoni żejda fuq l-esponenti.*

*2.12.3. Artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12 –* ***Jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja***

*Illi l-aktar kunsiderazzjoni importanti f'dan kollu huwa li l-mandat de quo huwa kompletament bla bażi u invertier. Kif diġa ingħad fil-kunsiderazzjonijiet aktar il-fuq, huwa minnhu li għal xi żmien kienet teżisti relazzjoni professjonali bejn il-partijiet, liema relazzjoni pero intemmet xhur qabel dak indikat mil-attur u li għas-servizzi tiegħu, kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ tal-provi, l-attur kien diġa tħallas. Illi minkejja dan, l-attur għażel li jagħmel dan il-mandat xorta waħda, għar-raġunijiet magħrufin minnhu biss u li żgur ma jirriżultaw mil-ebda prova jew dokument. Barra minn hekk, l-attur għażel ukoll li jikkawtela ammont esseġerat u eċċessiv bl-intendiment ċar li jxekkel il-ħidma tas-soċjeta TRTO Agency Limited u jġib fix-xejn in-negozju tal-esponent.*

*2.12.4. Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 – Penali*

*Illi l-Artikolu 836 (8) tal-Kapitolu 12 jipprovdi għall-penali kemm il-darba jirriżulta li l-mandat huwa frivolu, vessatorju jew*

*malizjuz. Fil-każ in eżami jirriżulta biċ-ċar li huwa tassew frivolu in kwantu ntiż biss sabiex jilwi id l-esponenti u frivolu għalis sar sabiex idejjaq lill-istess esponenti mingħajr ebda bażi legali.*

*Di piu in-nuqqas ta' interpellazzjoni fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata qabel ma ġie ppreżentant il-mandat hija raġuni oħra skond il-liġi biex trendi lill-attur passibbli għad-danni. Irrid jingħad li għajr għall-ittra bonarja li ntbagħtet aktar minn xahar qabel ma ġie ntavolat il-mandat, f'liem ittra ma saret l-ebda referenza għall-ammont dovut, ma tistax titqies li hija interpellanza xierqa fid-dawl tal-mandat odjern.*

*Illi fid-deċizjoni fl-ismijiet* ***Paul u Francesca konjugi Debona vs Ohio Developments Limited kif ukoll Peter Agius u Carmel Mifsud*** *mogħtija mill-Prim'Awla nhar it-18 ta' Mejju 2001, fl-atti tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 385/98, intqal proprju hekk: "Ir-rikorrenti ghamlu ukoll referenza ghal provedimenti tal-artikolu 836(8) tal-istess Kapitolu 12. Dan l-artikolu jipprovdi li min ikun ottjena il-hrug ta' att kawtelatorju jista jigi kundannat ihallas lill minn jkun issubixxa l-istess mandat il-penali imsemmija fl-istess artikolu u dana f'kull kaz imsemmi fl-istess artikolu. Dawn il-kazijiet jinkludu li minn jkun ottjena l-hrug tal-mandat jonqos li jiggustifika li l-mandat kellu jinhareg jew li jkun naqas li fi zmien hmistax il-jum qabel il-hrug tal-mandat huwa b'xi mod talab il-hlas tal-ammont pretiz minnu minnghand minn isubixxa l-istess mandat; Fid-dawl ta' dak kollu li gia ntqal jidher li 1-provedimenti tal-imsemmi artikolu huma applikabbli ghal dan il-kaz. In effett l-intirnati ma ggustifikawx il-hrug tal-rnandat kawtelatorju in kwestjoni fil-konfront tar-rikorrenti personalment u jidher ukoll li*

*l-istess rikorrenti fl-ebda hin ma gew intimati biex ihallsu l-ammont li hu pretiz mill-intimati. A bazi tal- istess provedimenti tal-artikolu in kwestjoni l-penali ghandha tigi ffissata fis-somma ta' hames mitt Liri Maltin (Lm500) li l-intimati ghandhom ihallsu lill kull wiehed mir-rikorrenti".*

*Ġjaladarba jissussistu dawn il-motivazzjonijiet kollha li jiġġustiflkaw l-imposizzjoni tal-penali a tenur tal-Artikolu 836 (8) l-esponenti jissottometti li ma hemm l-ebda raġuni għalfejn il-Qorti m'għandhiex timponi penali fil-massimu tagħhorn.*

*2.12.5. L-Artikolu 836(9) tal-Kap. 12 – Penali*

*L-Artikolu 836(9) tal-Kap 12 jawtorizza wkoll lill-Qorti sabiex takkorda d-danni riżultanti minn mandate li huwa frivolu, vessatorju jew malizzjuz, bħalma huwa dan.*

*Illi l-mandat de quo ipparalizza in-negozju tal-esponenti u TRTO Agency Limited, li kif jas ben tajjeb l-istess attur minħabba l'ftit xhur li kellu x'jaqsam mas-soċjeta TRTO, hija tiddependi ħafna mill-cash flow li jkollha għaddejja;*

*Illi fid-decizjoni taghha tal-11 ta' Jannar 2002 fl-ismijiet Busietta Gardens Madliena Limited vs Civil Engineering and Contractors Company Limited et: "Fil-fehma tal-Qorti din id-dispozizzjoni (Art. 836(9)) tfisser biss illi, fil-kazijiet fejn tista' ssir kundanna ghall-hlas ta' penali, jistghu wkoll jinghataw id-danni - il-penali ma hix rimedju wahdieni; jistghu jinghataw wkoll id-danni, u l-fatt li*

*tinghata penali ma jeskludix li jinghataw danni wkoll - u tghid x'ghandha tkun il-procedura. Il-fatt illi meta tinghata penali jistghu wkoll jinghataw id-danni ma jfissirx illi d-danni jistghu jinghataw biss meta tista' tinghata penali. Ukoll meta Mandat Kawtelatorju jinhareg in bona fide u f'cirkustanzi li ma humiex imsemmija fl-art. 836(8) jista' jaghmel hsara lill-parti li kontra taghha jkun inhareg. Xi hadd irid ibatihom dawn id-danni: jew dak li nhareg il-Mandat kontra tieghu meta fil-fatt ma kienx debitur, jew dak li, ghalkemm mexa in bona fide meta talab il-hrug tal-Mandat, tilef fil-kawża ghax fil-fatt ma kienx kreditur. Ga' rajna illi d-dritt li tikseb il-hrug ta' Mandati kawtelatorji ma hux wiehed li jinghatalek gratis; jekk taghmel hsara lil haddiehor bil-hrug tal-Mandat, ikollok taghmel tajjeb ghal dik il-hsara u mhux tippretendi li tbatiha l-parti l-ohra, li, wara kollox, tkun rebhitlek il-kawza. Nergghu lura ghal dak li jghid l-art. 829 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili dwar min hu responsabbli ghall-hrug tal-Mandat u ghall-konsegwenzi kollha li dan igib mieghu. F'dan l-istadju l-kawza ghadha ma nqatghetx; ghalhekk ghadna ma nafux jekk il-hsara li jista' jaghmel il-Mandat ghandhomx ibatuha r-rikorrenti jew l-intimata; ghalhekk ukoll qieghda tintalab biss garanzija ghad-danni, mhux kundanna. Hekk kif l-intimata kellha l-jedd li titlob il-hrug tal-Mandat biex thares il-pretensjoni taghha, li ghadha biss kreditu potenzjali, mhux accertat gudizzjarjament, hekk ukoll ir-rikorrenti ghandhom jedd jitolbu garanzija kontra d-danni li l-hrug tal-Mandat jista' jaghmlilhom".*

*Illi għalhekk huwa ċar li fil-każ odjern, l-attur sekwetrant huwa anke passibbli għad-danni.*

2.12.6. *Artikolu 838A tal-Kap. 12 – **Garanzija***

*Illi in ogni każ u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet suesposti, jiġi sottomess illi l-assjem tal-fatti rilevanti għall-preżenti proċeduri, dawn jammontaw għal-kawża ġusta kif rikjesta fl-Artikolu 838A u għalhekk dina l-Onorabbli Qorti għandha teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tordna lill-attur sekwestrant sabiex jiddepożita somma in garanzija, liema somma għandha tkun adegwata sabiex tkopri l-penali, danni, inġenti u imgħaxijiet talvolta spettanti lill-esponenti.*

3. *Konklużjoni*

*Għaldaqstant fid-dawl tar-raġunijiet premessi, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ tal-kontro-mandat opportun għar-revoka in toto tal-mandat ta' sekwestru numru 1246/18 fl-ismijiet **Commandante Maurizio Vincenti vs Kaptan Marcello Labor u TRTO Agency Limited,** taħt dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni, anke bl-imposizzjoni fuq is-sekwestrant sabiex iħallas d-danni u l-imgħaxijiet kollha subiti mill-esponenti kaġun tal-istess mandate, bl-ispejjeż kontra l-attur sekwestrant."*

Rat **ir-risposta tal-Kaptan Maurizio Vincenti tat-30 t'Awissu 2018**[1] li permezz tiegħu rribatta li -

[1] Fol 12 et seq

*"Illi l-esponent intavola kawza kontra l-Kaptan Marcello Labor u l-kumpanija TRTO Agency Limited proprju ghaliex wara li gie Malta b'urgenza biex jaghmel xoghol u jaghti servizzi fuq inkarigi moghtija lilu minn Marcello Labor, sa sena wara huwa mhux biss baqa' qatt ma inghata kuntratt miktub bil-kundizzjonijiet tal-impieg u/jew ingagg, talli anqas biss thallas ghalihom; baqa' dejjem jigi promess li l-kundizzjonijet tal-ingagg ser jinghatawlu "fi zmien qasir", pero' ma sar xejn minn dan.*

*Illi ma' dik il-kawza l-esponenti pprezenta dan il-mandat ta' sekwestru, kalkolat bl-aktar mod kawt u konservattiv skond ma normalment jircievu l-kaptani tal-ajru, minghajr ma gew kawtelati diversi servizzi ohra mitluba minn ghandu mill-istess Marcello Labor hekk kif anke gie indikat fl-ittra intimatorja tat-28 ta' Gunju 2018 (kopja hawn annessa bhala dokkument MV-1), liema servizzi kienu jinkludu r-rwol  ta' Deputy Flight Operations Post Holder u sahansitra Crew Training Post Holder.*

*Illi matul dak il-perjodu ta' kwazi sena l-esponent  kellu ingaġġ li jista' jitqabbel ma' ta' professur tal-universita' li jghallem lill-istudenti tal-edukazzjoni isiru ghalliema: is-salarju ta' dawk li jsiru ghalliema ragonevolment ikun inqas mir-remunerazzjoni tal-professur li struwihom biex isiru ghalliema.  L-esponent kellu rwol li jittrenja lill-piloti, u dan l-ingagg wahdu necessarjament igib remunerazzjoni oghola minn ta' pilota jew kmandant normali.*

*Illi l-intimati konvenjentement approfittaw ruħhom mill-agir abbuziv tal-istess Marcello Labor li baqa' qatt ma pprovda l-kuntratt jew kuntratti relattivi, u f'dan ir-rikors b'urgenza gieli anke implikaw li ma kien hemm ftehim ta' xejn. Pero' imbaghad fl-istess rikors ikkontradixxew lilhom infushom ghaliex l-*

*argumenti mressqa minnhom necessarjament irrikjedew li jammettu li l-esponent kien ingaggat jaghmel ammont konsiderevoli ta' xoghol ghalihom, jew ghal min minnhom.*

*Illi anke wara li l-istess Marcello Labor gie notifikat bl-atti ta' dan il-mandat, huwa kiteb lill-esponent biex jitolbu zmien ghal biex jintlahaq ftehim fuq hlas, u l-esponent irrisponda li se mai, pendenti n-negozjati, Marcello Labor ihallas akkont ammont inqas minn dak indikat fil-mandat; pero' Marcello Labor imbaghad ma rrisponda xejn.*

***Argumenti tar-rikorrenti ghat-tnehhija tal-mandat.***

***Ligi applikabbli mhix indikata –***

*Illi Marcello Labor qed jiggranfa ma' kull tibna biex jipprova jxejjen mandat ekwu u gust, li kif inghad inhareg bl-iktar mod kawt u konservattiv, bla pregudizzju ghall-ammont verament dovut lill-esponenti. Hekk **f'klawsola 1.3** tar-rikors jibda biex jikkontesta r-Rikors Guramentat ipprezentat kontestwalment billi jghid li ma gietx citata l-ligi li a bazi tagha huwa qed jitlob il-hlas, u ma giex prezentat il-ftehim ta' bejn il-partijiet.*

*Dwar il-ligi li r-rikorrent donnu ma jafx biha, hemm diversi dispozizzjonijiet applikabbli ghall-kaz, bl-iktar wahda pertinenti tkun il-provvedimenti ta' l-artikoli 1623 u 1624 tal-Kodci Civili, fejn jinghad li meta l-ftehim ma jkunx jindika kemm ser ikun il-hlas, bhal fil-kaz odjern, il-hlas dovut ghandu jigi kkalkolat jew billi ssir referenza ghall-konswetudni (bhal ma ghamel l-esponent), jew fin-nuqqas billi jinhatru periti.*

***Nuqqas ta' kuntratt mitkub –***

*Illi ma gie pprezentat ebda kuntratt jew ftehim hija konsegwenza naturali tal-ingann tal-istess Marcello Labor li ghal xhur twal bejn l-2016 u l-2017 dejjem kien iwieghed lill-esponent li l-kundizzjonijiet tal-ingaġġ ser jigu redatti bil-miktub, imma minn dan ma ghamel xejn.*

***Nuqqas ta' relazzjoni guridika -***

*Illi permezz tal-**klawsola 2.1** ir-rikorrent jibda billi jiehu l-pozizzjoni li ma kien hemm ebda ftehim bejn il-partijiet u juza l-kliem "jigu kreati sembjanzi ta' obbligazzjonijiet li ma jezistux.." u aktar tard juza l-kliem "kawzali fiergha", pero' immedjatament wara jikkontradixxi lilu nnifsu u jghid li s-somma indikata fil-mandat "hija ghal kollox esagerata". F'**klawsoli 2.2 u 2.3-2.4** rispettivament jerga' jikkontradixxi lilu nnifsu meta l-ewwel jghid li bejn il-partijiet ma kienx hemm relazzjoni kontrattwali, imbaghad jghid li Labor offra x-xoghol lil Vincenti, u Vincenti accettah! Anzi ghandu l-ardir jargumenta li la ma gie ffirmat ebda kuntratt, Vincenti m'ghandux dritt ghal hlas!*

*Illi dwar id-dubju li pprova jqajjem ir-rikorrent dwar jekk Vincenti qattx ghamel xoghol ghal Labor, dan id-dubju xejnu hu stess meta fi **Klawsola 2.5** tar-rikors jallega li "il-Kaptan Vincenti ma bediex jaghmel <u>xogholu</u> kif suppost..." – sottolinear tal-esponent. Jekk impjegat ma jaghmilx xogholu sew, jista' jinghata warning u jista' jitkecca, pero' dejjem jibqa' intitolat ghall-hlas ta' dak iz-zmien kollu li jkun dam ingaggat.*

***Allegazzjoni ta' hlas a saldu -***

*Illi wara li jaghmel diversi argumenti li suppost iwasslu li ma kien hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet, imbghad jibda l-argument li l-Kaptan Labor hallas lill Kaptan Vincenti dak kollu li kien dovut lilu:* ***klawsola 2.6***

*Illi wiehed ma jistax ma jimmeraviljax ruhu kif il-Kaptan Labor allura hallas lill-Kaptan Vincenti ta' xejn! Anzi jerga' jikkontradixxi l-argumenti precedenti u jghid li b'dan il-hlas "tterminaw b'mod immedjat ir-relazzjoni ta' bejniethom..."*

*B'kull rispett din tal-hlas a saldu hija gidba sfaccata li ma timmeritax tissejjah mod iehor. Tul iz-zmien li l-esponent dam ingaggat, huwa thallas darbtejn biss bhala rimbors ghal spejjez li ghamel, u dawn il-hlasijiet ta' ftit eluf saru permezz ta' bank transfers, wiehed mir-rikorrenti TRTO Agency Ltd u wiehed minn kumpanija ohra tal-Kaptan Marcello Labor, li jisimha Incat Holdings Ltd, u li altrimenti m'ghandha xejn x'taqsam ma' TRTO Agency Ltd. Qatt ma saru hlasijiet bi flus kontanti, u huwa r-rikorrenti biss li jaf ghalfejn wiehed mill-hlasijiet sar mill-kumpanija Incat Holdings Ltd. Mela r-rikorrent irid ibellaghha lil kulhadd li hallas lill-esponent somma a saldu bi flus kontanti, u ma ġieghlux jiffirmalu ricevuta ta' dan l-allegat hlas!*

***Talba esagerata -***

*Illi wara l-argumenti li r-rikorrenti m'ghandhom xejn x'ihallsu lill-esponenti, huma jargumentaw ukoll li fi kwalunkwe kaz l-ammont kawtelat ta' €120,000 huwa esagerat. Ma jaghmilx sens li targumenta u prattikament tichad li sar xi xoghol, imbghad targumenta li l-hlas mitlub huwa esgerat. 'Esagerat' meta pparagonat ma' xiex?*

*Jekk wiehed jidhol fis-sit elettroniku www.pilotjobsnetwork.com/jobs/Air_Malta jikkonferma li sa Jannar 2015 ir-remunerazzjoni bazika ta' Kaptan tal-Ajru li jibda biha mal-Air Malta kienet €90,800; pero' ma' dan tizdied remunerazzjoni ulterjuri ghal kull duty (flight), oltre li l-esponent mhux biss huwa kaptan imma sahansitra jharreg lill-piloti u kaptani. Di piu' huwa inghata diversi rwoli addizjonali kif gia indikat fl-intimazzjoni legali gia citata (u annessa) u kif ser jigi spjegat b'dettall fil-kawza relattiva.*

*Jekk illum wiehed jidhol fl-istess sit izda f' www.pilotjobsnetwork.com/jobs/Jet2.com ta' din il-linja li wkoll tigi Malta, ir-remunerazzjoni bazika ta' Kaptan tal-Ajru bhal issa hija €100,524, li proprju llum huma ekwivalenti ghal €110,848, dejjem minghajr il-perkacci, allowances u hlasijiet ulterjuri msejha Per Diem. Jekk illum wiehed jerga' jidhol f'dan is-sit fis-sezzjoni tal-EasyJet li wkoll tigi Malta, www.pilotjobsnetwork.com/jobs/Easyjet_(German_Contract) isib li r-remunerazzjoni bazika ta' kaptan hija ta' €160,541.*

***Revoka a bazi tas-subinciz 863(1)(d) -***

*Illi l-**klawsola 2.12.1** tar-Rikors ta' Kaptan Labor taghlaq bil-konkluzjoni li "l-ammont li qed jintalab huwa minghajr gustifikazzjoni u minghajr ebda dubju eccessiv." Tant ir-rikorrenti jridu jiggranfaw ma' kollox li anqas iddecidew jekk jghidux li l-ammont mitlub mhuwiex dovut jew huwiex eccessiv. Jekk riedu isostnu li hu eccessiv, tal-inqas kellhom jindikaw skond huma x'inhu l-ammont gust li kellu jintalab. Jekk ir-rikorrenti riedu jargumentaw li sar hlas a saldu kien jinkombi fuqhom li jgibu prova ta' dan, jekk riedu jqajmu l-eccessivita' tat-talba, kellhom jindikaw huma x'jemmnu li kellha tkun talba ragonevoli.*

***Revoka a bazi tas-subinciz 863(1)(f) -***

*Illi r-rikorrenti jergghu jirrepetu l-allegazzjoni li qed tintalab somma esagerata, minghjar ma jispecifikaw kif huma kien qed jippretendu li jikkompensaw lil Kaptan tal-Ajru esperjenzat ghal biex iharreg u/jew jingagga piloti u kaptani ohra, u numru iehor ta' servizzi moghtija lilhom addizjonalment. Huma jirrikorru biss ghall karba li dan il-mandat huwa an arm twisting exercise: kull debitur jista jinterpreta mandat li jinhareg kontrih bhala "arm-twisting exercise." Pero' mandat jinhareg ghaliex ikun hemm dubju ragonevoli li d-debitur se jkun qed jaghmel minn kollox biex ma jhallasx dak li hu dovut minnu, bhal ma qed jaghmlu r-rikorrenti hawnhekk. U r-rikorrenti diga' urew din l-intiza taghhom meta rrispondew ghall-intimazzjoni legali li saritilhom ghall-hlas.*

***Revoka a bazi tas-subinciz 863(8)(d) –***

*Illi hawnhekk ir-rikorrenti jammettu li "huwa veru li ghal xi zmien kienet tezisti relazzjoni professjonali bejn il-partijiet, liema relazzjoni pero' intemmet xhur qabel dak indikat mill-attur, u li ghas-servizz tieghu, kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-provi, l-attur kien diga' thallas....."*

*Mela jekk xejn, il-Qorti ghad trid tisma dawn il-provi qabel tkun tista' tiddeciedi jekk hux veru li l-esponent thallas ghal kull servizz li ta lir-rikorrenti. Gialadarba l-esponent qieghed jichad bil-qawwa kollha li huwa thallas, prima facie l-attur (l-esponenti hawnhekk) ghandu dritt jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu.*

*Illi r-rikorrenti jippretendu li l-esponent ghandu jigi ppenalizzat ghaliex skond huma l-esponent ma kien dovut jircievi xejn, imma ghamel mandat fieragh u vessatorju sempliciment ghaliex ried idejjaq lir-rikorrenti ghal ta' xejn b'xejn.*

*Illi hawnhekk ir-rikorrenti jippretendu wkoll li l-esponenti jigi ppenalizzat ghaliex ma baghatx intimazzjoni 15 il-jum qabel il-mandat. Fl-ewwel lok l-intimazzjoni legali li kopja taghha qed tigi annessa jidher li waslet ghand ir-rikorrenti madwar 20 jum qabel dahal il-mandat, pero aktar minn hekk, fit-tieni lok, l-esponent qieghed hawnhekk jiggustifika l-hrug ta' tali mandat, kif tesigi b'mod alternattivament l-istess dispozizzjoni tal-ligi.*

***Talba tal garanzija -***

*Illi l-esponent ghamel minn Settembru 2016 sa Awwissu 2017 jahdem ghar-rikorrenti bla ebda rimunerazzjoni (tnehhi zewg hlasijiet ghal spejjez inkorsi), imbaghad l-esponenti ghamel kwazi sena ohra jokrob biex jithallas, u issa, wara kwazi sentejn li matlulhom ir-rikorrenti baqghu ghaddejjin bin-negozji taghhom u l-qliegh kollu taghhom, jippretendu li l-esponent ghandu johrog somma ta' flus bhala garanzija ghal jekk jirrizulta li l-mandat inhareg b'mod frivolu u vessatorju. Wara li l-esponent thalla dawn is-sentejn bla hlas, hija t-talba tar-rikorrenti li hi frivola u intiza li "ssallab" lill-esponenti jew altrimenti twassal ghat-tnehhija tal-mandat, bil-konsegwenza ovvja li finalment l-esponent jigi eluz milli jithallas, anke gialadarba jirbah il-kawza relattiva.*

*Illi pero' biex ikun inghad kollox, fil-parti rekwizittiva tar-rikors mhuwiex jintalab li l-esponent jigi ordnat jiddepozita garanzija, u ghalhekk ghalkemm din il-haga tissemma fil-parti argumentattiva tar-rikors, finalment mhemmx*

*talba ghal dan u allura mhemmx x'jigi deciz minn din l-Onorabbli Qorti fuq dan il-punt.*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, u tordna li l-mandat numru 1246/18PA jibqa' fis-sehh bl-effetti kollha tieghu."*

Rat id-dokument anness mal-imsemmija risposta.

Semgħet il-provi tal-partijiet u t-trattazzjoni tad-difensuri tagħhom.

Rat illi l-proċeduri ġew differiti għad-digriet kamerali.

Rat l-atti l-oħra kollha.

**Ikkunsidrat:**

Fir-rikors in eżami r-rikorrenti qegħdin jopponu għall-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Nru 1246/18 maħruġ a favur il-kaptan Maurizio Vincenti għax fil-fehma tagħhom dan inħareġ b'mod vessatorju u bi ksur tal-liġijiet applikabbli għal din il-proċedura. Huma talbu l-ħruġ tal-kontro-mandat opportun għar-revoka tal-istess Mandat.

Minn naħa tiegħu il-Kaptan Vincenti jirrespinġi din il-pretensjoni bħala nfondata fil-fatt u fid-dritt.

## 1. Provi

a. Xehed il-**Kaptan Marcello Labor** bil-lingwa ngliża[2] li spjega li kemm hu kif ukoll Maurizio Vincenti kien kaptani mal-Alitalia għal 30 sena u ltaqgħu fil-kors tax-xogħol tagħhom xi 15 -il sena ilu. Imbagħad Maurizio Vincenti kien telaq minn mal-Alitalia u ħareġ bil-pensjoni. Huma reġgħu iltaqgħu fis-sena

[2] Fol 21 et seq

2010-2011 u f'dik l-epoka Vincenti ma kienx qed jaħdem ta' kaptan. Huwa talbu biex jerġa jagħmel dan u peress li f'dik l-epoka x-xhud kellu kumpanija tat-taħriġ huwa reġa tah it-taħriġ meħtieġ biex seta' jagħmel dan u jaħdem ta' għalliem. Ix-xhud biegħlu sehem mill-kumpanija tat-taħriġ li kellu f'Ċipru bl-isem TRTO Agency. Imbagħad ġew Malta u x-xhud irreġistra kumpanija ġdida bl-istess isem hawn Malta f'ismu biss. Circa fl-2014/2015 Vincenti telaq mill-kumpanija għax kellu xi problema marbuta mal-ħlas tat-taxxa fl-Italja. Fl-2016 Labor għalaq il-kumpanija li kellu f'Ċipru u ġie Malta. Meta għamel dan Vincenti avvicinah u staqsih jekk jistax jingħaqad miegħu b'sehem fil-kumpanija. Iżda Labor irrifjuta peress li Vincenti kien diġa telaqlu darba mill-kumpanija l-oħra. Madankollu offrielu li jekk ried setgħu jaħdmu flimkien. U fil-fatt hekk bdew jagħmlu.

Mistoqsi mill-Qorti biex jikkummenta dwar it-talba għall-ħlas li saret mill-kaptan Vincenti huwa qal li kien jinsab ferm sorpriż għax skont hu bejniethom kellhom a gentleman's agreement li sakemm l-Airbus 320 jibda jopera Vincenti, bħala *Training Manager* ma kellux jitħallas. Qal li anke huwa stess f'dak l-istadju kien qed jaħdem *gratis*. Huwa kompla jixhed li lill-kaptan Vincenti kienu anke ħallsulu kollox huma għal korsijiet ta' taħriġ li ħa, liema korsijiet swew eluf ta' Ewro.

Xogħolu bħala *Training Manager* kien li jorganizza taħriġ għall-piloti. Huwa beda jaħdem ma' TRTO Agency Ltd f'Malta bejn l-2016 u l-2017. Fl-2017 Vincenti rriżenja u dan qabel mal-A320 beda jopera.

Il-partijiet ma kellhom ebda ftehim bil-miktub bejniethom għax skont ix-xhud Vincenti kien irrifjuta li jsir dan biex ma jitlifx il-pensjoni tiegħu fl-Italja.

Issa skont Labor, fil-kors tax-xogħol tiegħu bħala *Training Manager* inqalgħu ħafna problemi għax kull darba li kienu jċemplu lil Vincenti biex jiġi jagħmel it-taħriġ huwa kien jgħidilhom li ma jistax għax kien involut anke f'taħriġ ġewwa pajjiżi oħra. Allura kien jgħid lil Labor biex it-taħriġ jagħmluh huma. Fil-fatt hekk kien ikollu jsir. Fl-aħħar Vincenti rriżenja volontarjament.

Ix-xhud kompla jgħid li hu ma jaqbilx mas-somma flus pretiża minn Vincenti kif kawtelata fil-Mandat impunjat iżda fi kwalunkwe każ hija eċċessiva għax il-kumpanija tagħhom għadha tibda u kien għalhekk li kienu ftehmu li meta jibda jopera l-*Airbus* u jkollhom il-flus jitħallas kulħadd inkluż Maurizio Vincenti. Għal din ir-raġuni huwa esprima s-sorpriża tiegħu li Vincenti għamel it-talba għal ħlas f'dan l-istadju. Oltre dan, l-ammont mitlub minn Vincenti hija dik li normalment titħallas għall-linji tal-ajru l-kbar. Huwa kompla jgħid li wara li Vincenti kien talbu xi tlett darbiet biex jieħu xi ħlasijiet huwa kien ħallsu

ħamest elef Ewro għal tlett darbiet pero' dan mingħajr riċevuta peress li Vincenti ma riedx minħabba l-kwistjoni tal-pensjoni. B'kollox tah circa ħmistax il-elf Ewro.

In **kontro-eżami**[3] huwa ċaħad li kull darba li Vincenti kien jistaqsih kif se jħallsu kien jgħidlu li dan isir aktar tard iżda qal li matul is-sena li Vincenti dam jaħdem magħhom huwa qatt ma kien qallu kemm ammont ta' flus kellu jitħallas. Fil-fatt ma kinux qablu fuq xi rata ta' ħlas. Reġa tenna li l-*airbus* kien għadu ma bediex jopera u li l-qbil kien li meta dan iseħħ isir ħlas.

Mistoqsi mill-Qorti biex jgħid jekk inbidilx xi ħaġa minn wara li kien ġie akkordat il-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni huwa wieġeb fl-affermattiv għax qal li ma għandhomx fondi disponibbli u n-negozju kważi falla.

Mistoqsi għal darb oħra mill-Qorti kemm hu l-ħlas li fil-fehma tiegħu ikun ġust li jitħallas Maurizio Vincenti għax-xogħol li għamlilhom huwa rrisponda b'ċifra ta' €45,000 għal sena sħiħa u minn din jitnaqqsu l-€15,000 li kien diġa ta lill-istess Vincenti.

Xehed il-**Kaptan Maurizio Vincenti**[4] li qal li huwa kien azzjonist fil-kumpanija TRTO ta' Ċipru filwaqt li f'dik reġistrata f'Malta huwa kien impjegat. Qal li l-kaptan Labor kien qiegħed ifittex nies b'esperjenza biex ikun jista' jibda jopera kumpanija ġdida u għalhekk hu ngħaqad magħhom biex jagħti t-taħriġ. U huwa kien ukoll *Deputy Flight Operation Manager*. Huma bdew f'Settembru 2016 iżda sa sentejn wara x-xhud kien għadu ma tħallasx nonostante li ħadem ħafna biex intlaħqu l-miri meħtieġa ħalli tinġieb l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti sabiex joperaw.

Qal ukoll li inizjalment huwa beda jaħdem mingħajr kuntratt tax-xogħol iżda mbagħad beda jistaqsi għalih anke minħabba raġunijiet legali. Dwar ħlasijiet, wara numru ta' xhur li bdew, kienu ddiskutew li lill-kaptan normali jtuh salarju ta' €7,000 fix-xahar. Dwar is-salarju tiegħu huwa qal li kien jistenna aktar minn €7,000 u cioe' circa €12,000 - €13,000 fix-xahar in vista tar-responsabbiltajiet li kellu. Huwa qal li f'sentejn sħaħ qatt ma rċieva ħlasijiet għas-salarju. Irċieva biss kumpens darbtejn fis-somma ta' €5,000 u €3,000 għall-ispejjeż li kien inkorra fil-kors tax-xogħol.

In **kontro-eżami**[5] wieġeb li l-ftehim kien li huwa jagħti t-taħriġ lill-piloti futuri. Qal ukoll li kull xahar kien verbalment jistaqsi lill-kaptan Labor biex jagħtih

[3] Fol 28 et seq
[4] Fol 40 et seq
[5] Fol 48 et seq

kuntratt tax-xogħol. Qatt ma bagħat xejn bil-kitba biex jistqasi dwar dan. Mistoqsi jgħid jekk qabel ma beda dan ix-xogħol huwa qattx kien qal lill-Kaptan Labor li jippretendi salarju ta' circa €13,000 jew aktar huwa qal li Labor kien jgħidlu li mal-kumpanija tiegħu huwa jsir sinjur. Pero' kkonferma li Labor strettament qatt ma kien qallu li kien se jħallsu dawk iċ-ċifri. Kien jgħidlu biss – nitkellmu darb'oħra.

## 2. Liġi u Ġurisprudenza

Ir-rikorrenti jibbażaw it-talba tagħhom għar-revoka tal-Mandat kawtelatorju 1246/18 fuq l-artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kap 12 li jgħidu hekk –

*"(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

*[….]*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*

*[…..]*

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Ingħad hekk dwar dan l-artikolu fil-provvediment **Georgina Grima et vs Knightsbridge Development Limited tal-15 ta' Mejju 2018**[6] **-**

*Illi kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bhal dawn, l-istħarrig li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed prima facie u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi*

[6] Rik 635/17

*mistħarreg fil-kawża proprja bejn il-partijiet (Ara P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001 (**"Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd."**).*

*Illi għalhekk isegwi li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'dawn il-proċeduri ma għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali ta' l-att li tiegħu qiegħed jintalab ir-revoka. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. (Ara Kumm. (GMA) 23 ta' Gunju 1994: "**Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia nomine et**").*

*Illi dan ifisser illi l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv lilha kkontestat jiġi definit minn Qorti. ("**Vincent Mercieca vs George Galea**" – P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001; **"Technobroadcast s.r.l. vs Mediterranean Broadcasting Limited"** - P.A. (RCP) 5 ta' Ġunju 2007)."*

Imbagħad **<u>fir-rigward tas-subparagrafi (d) u (f) tal-artikolu</u>** in eżami l-Qorti kompliet tgħid hekk fil-każ ċitat **Georgina Grima et vs Knightsbridge Development Limited** –

*Illi fir-rigward tal-artiklu 836 (1) (d) tal-Kap 12 fuq riprodott issir referenza għall-atti tar-rikors fl-ismijiet **Peak Ogilvy & Mather Limited vs the Jazz Cave (JC) Limited** fejn ġie sostnut is-segwenti:*

*"Illi l-eżami li trid tagħmel il-qorti ai termini ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi hu wkoll wieħed prima facie. Eżami prima facie huwa wieħed preliminari, mhux fil-fond u hu bbażat fuq dak li jirriżulta mad-daqqa ta' għajn";*

*[….]*

*Illi fir-rigward tal-artiklu 836 (1) (f) tal-Kap 12 fuq riprodott issir referenza għall-provediment tal-**Prim'Awla tal-Qorti Ċivili** fl-ismijiet **L- Avukat Adrian Delia nomine vs. European Insurance Group Limited**, datat l-**4 ta' Frar, 2013**, li fir-rigward stabbiliet li:*

*"Fi kliem ieħor taħt dan is-subinċiż, (artiklu 836 (1) (f) tal-Kap 12), Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju hu soġġett għar-revoka fejn:*

*"i. Ċirkostanzi ma jkunux ragonevoli;*
*"ii. L-Mandat ma jkunx aktar neċessarju; jew*
*"iii. M'huwiex aktar ġustifikabbli";*

*Illi fil-provediment tal-**Prim'Awla tal-Qorti Ċivili** fl-ismijiet **Rita Agius vs. Nutar Joseph Vassallo Agius** datat id-**19 ta' Settembru, 2013**, ġie spjegat fir-rigward is-segwenti:*

*"Allura, fil-fehma ta' din il-qorti, il-kwistjoni ta' jekk hu raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk hux meħtieġ jew ġustifikabbli li tali mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tal-intimati eżekutanti;*

*"Illi jinghad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifka l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ";*

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali l-Qorti tibda billi tinnota li huwa paċifiku li għal perjodu ta' circa ħdax il-xahar bejn Settembru 2016 u Awissu 2017 kien hemm relazzjoni professjonali bejn il-partijiet fejn kienu ftehmu li l-kaptan Maurizio Vincenti kellu jippresta s-servizzi tiegħu lir-rikorrenti odjerni billi primarjament jagħti taħriġ lil bdoti. Huwa paċifiku wkoll li ftehim bil-miktub li jirregola l-kundizzjonijiet ta' din ir-relazzjoni ta' xogħol baqa qatt ma sar.

Jirriżultaw f'dan l-istadju diversi diżgwidi u versjonijiet konfliġġenti bejn il-partijiet dwar dak li seħħ bejniethom u anke dwar il-pretensjonijiet tal-kaptan Vincenti, senjatament li –

a. Il-kaptan Vincenti jgħid li huwa ppresta s-servizzi tiegħu lir-rikorrenti iżda huma baqgħu inadempjenti billi baqgħu ma ħallsuh xejn u kien kostrett jieħu proċeduri legali biex jitħallas ta' xogħolu. Minn naħa l-oħra r-rikorrenti jippremettu li Vincenti ma kienx qed jagħmel xogħolu kif suppost tant li huma flimkien ma' mpjegati oħra ta' TRTO Agency Ltd spiċċaw jagħmlu x-xogħol huma stess b'dana li meta l-partijiet raw li ftehim mhux ser jaħdem ftehmu li r-rikorrenti jħallsu ammont lil Vincenti għas-saldu tal-pretensjonijiet tiegħu u

jitterminaw b'mod immedjat ir-relazzjoni ta' bejniethom. Addirittura r-rikorrenti jgħidu li huma ħallsu lil Vincenti pagament fi flus kontanti[7];

b. Mill-provi mbagħad kompla jirriżulta li sostanzjalment in-nuqqas ta' qbil ewlieni huwa dwar il-*quantum* ta' ħlas li għandu jirċievi l-kaptan Vincenti. Il-kaptan Vincenti jargumenta li ċ-ċifra minnu kawtelata fil-Mandat hija diġa waħda konservattiva meta mqabbla mas-salarju li jirċievu f'sena bdoti ma' diversi linji oħra tal-ajru aħseb u ara meta r-rwol li huwa kellu mar-rikorrenti kien proprju li jħarreġ lill-istess bdoti għall-liema rwol huwa jippretendi ħlas b'rata ogħla minn hekk. B'hekk fil-fehma tiegħu is-somma minnu kawtelata assolutament mhix eċċessiva. Minn naħa l-oħra r-rikorrenti jsostnu li s-somma massima li *se mai* għandha titħallas lill-kaptan Vincenti hija ta' €45,000 għal sena sħiħa bi tnaqqis ta' somma li skont huma diġa ħallsu lill-istess Vincenti.

Ferm il-premess **il-Qorti ma tqisx li r-rikorrenti ssodisfaw ir-rekwiżit tal-artikolu 836 (1) (d) tal-Kap 12**. Huwa evidenti li l-viċenda bejn il-partijiet u li wasslet biex il-kaptan Vincenti ottjena l-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru mpunjat hija waħda naxxenti minn problemi li nqalgħu fil-kors ta' relazzjoni lavorattiva bejniethom u li minnhom spuntat il-kwistjoni dwar il-ħlas ta' salarju li jista' jkun dovut lill-Kaptan Vincenti. Il-kwistjoni dwar dawn il-ħlasijiet tkompli tikkomplika ruħha minħabba nuqqas ta' ftehim bil-miktub b'dana li l-Qorti hija rinfaċċjata b'pożizzjonijiet tal-partijiet dwar il-ħlas li huma ferm 'il bogħod minn xulxin f'dan l-istadju. Tenut kont tal-fatt li l-indaġini li trid issir f'dan l-istadju f'dawn il-proċeduri hija limitata għal waħda *prima facie* il-Qorti hija tal-fehma li mad-daqqa t'għajn is-somma kawtelata mill-kaptan Vincenti hija waħda ġustifikata u mhux eċċessiva meta wieħed iqis li xogħolu kien li jħarreġ il-bdoti u anke l-introjtu ta' bdot f'sena diġa huwa għoli ferm (ogħla mis-somma kawtelata fil-Mandat) aħseb u ara l-introjtu ta' min iħarriġhom. Għalhekk tqis li għad hemm lok għaż-żamma fis-seħħ tal-Mandat kawtelatorju u ma rriżultawx ir-raġunijiet meħtieġa f'dan is-sub-inċiż. Ċertament pero' dan kollu jrid jiġi dettaljament eżaminat fil-mertu tal-kawża bejn il-partijiet u mhux illum. B'hekk ma hemm ebda lok li l-Qorti tilqa' r-rikors tar-rikorrenti għar-revoka tal-Mandat a bażi ta' dan is-subinċiż.

Għall-Qorti, **lanqas is-sub-inċiż (f) tal-artikolu m'huwa ġustifikat**. Il-Qorti ma rriżultalha ebda ċirkustanza li a bażi tagħha m'għadx hemm lok li l-Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ *in toto* jew parti  jew li dan l-att jew parti minnu

[7] Premessi 2.5 u 2.6 tar-rikors promotur

mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli. Issa kif ingħad fil-ġurisprudenza ċitata dan is-subinċiż jimplika li, wara li jkun ġie akkordat il-Mandat**,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Fil-proċeduri tal-lum, meta mistoqsi direttament mill-Qorti dwar jekk kienx hemm tali bidla fiċ-ċirkustanzi minn mindu nħareġ il-Mandat kawtelatorju, l-unika risposta li ta l-kaptan Labor kienet li huma m'għandhomx fondi disponibbli u n-negozju kważi falla. Żgur li din mhux talli mhijiex raġuni biex ma tħallix il-Mandat fis-seħħ anzi tkompli ssaħħaħ il-bżonn taż-żamma fis-seħħ tal-Mandat sabiex jiġu kawtelati d-drittijiet tal-kaptan Vincenti għall-ħlasijiet allegatament dovuti lilu.

Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lill-Qorti tikkundanna lill-kaptan Vincenti li jħallas penali a tenur tal-**artikolu 836 (8) (d) tal-Kap 12** għax fil-fehma tagħhom it-talba għall-ħruġ tal-Mandat impunjat saret b'malizzja u hija frivola u vessatorja. Dan l-artikolu jgħid hekk –

*"(8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:*

*(.......)*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja."*

Dwar din id-dispożizzjoni tal-liġi ngħad hekk fil-proċeduri **Paul Caruana vs Global Executive Search (Malta) Limited deċiż fil-31 ta' Jannar 2017 -**

*"Il-Qorti fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-qorti li trid tkun seħħet wahda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgħa huma ċ-ċirkostanzi elenkati fl-*

*artikolu 836(8) f'dan ir-rigward, u ladarba hemm sanzjoni punittiva għandhom jitqiesu bħala tassattivi. (ara "***Farrugia vs C&F Building Contracters Ltd***." – P.A. (JRM) – 14 ta' Awwissu 2014, "***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd***" – P.A.(TM) – 13 ta' Marzu 2003, "***Spiteri vs Darmanin***" – P.A. (JRM) 25 ta' Awwissu 2010).*

*Illi dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi. Il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta` fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż.*

*Illi fil-każ "***Paul Attard noe. vs Loreto Abela***" – P.A. (JRM) – 25 ta' Mejju 2005, ingħad hekk:*

*"Illi għar-rigward tal-azzjoni attriċi immirata għall-kundanna tal-imħarrek għad-danni minħabba u b'konsegwenza ta' ħruġ ta' mandat kawtelatorju kollox irid jitqiegħed fil-qafas ta' żewg prinċipji ewlenin; l-ewwel wieħed huwa dak li min jirrikorri għall-jedd li għandu ma jiqiesx li hu responsabbli għall-ħsara mġarrba minn ħaddiehor minħabba l-użu xieraq ta' dak il-jedd ("qui suo jure utitur neminem laedere videtur"); it-tieni wieħed huwa dak li l-jedd li wieħed ifittex ir-rimedji tiegħu billi jirrikorri għall-awtorita` gudizzjarja, minflok jieħu l-liġi b'idejh, m'għandux jigi mxekkel bla bżonn;*

*"Illi generalment l-abbuż mill-proċedura ġudizzjarja jitqies biss f'każijiet eċċezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq ta' persuna li tkun irrikorriet għaliha jew mal-frugħa tal-pretensjoni nnifisha. Fejn ikun hemm element ta' aġir fieragħ fi proċedura ġudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuż tal-proċess ġudizzjarju. F'dan ir-rigward ingħad li għalkemm, ir-raġunijiet li għalihom min ikun talab u kiseb il-hruġ ta' mandat kawtelatorju jista' jinsab ħati għad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8), taħt ir-regoli ġenerali tar-responsabbilta` irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuraġni jew nuqqas ta' ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja."*

*F'dan il-kuntest, in linea ta' prinċipju huwa ritenut li dak li tikkundanna l-liġi huwa l-abbuż tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja. (Ara* **Spiteri vs Camilleri** *P.A. deciza fl-10 ta' Jannar 1992, u* **John Zarb vs Port Cottonera Limited** *P.A. deciza fit-18 ta' Settembru 2002)."*

Fil-proċeduri tal-lum, il-bażi tal-pretiża tar-rikorrenti għall-impożizzjoni tal-penali hija li l-mandat huwa bla bażi u nveritjier għax skonthom il-kaptan Vincenti diġa tħallas dak li kien dovut lilu. Huma reġgħu insistew li l-Mandat huwa wieħed eseġerat u eċċessiv *"bl-intendiment ċar"* li jfixkel il-ħidma u n-negozju tagħhom. Raġuni oħra li jsemmu u li għaliha jidhrilhom li l-kaptan Vincenti għandu jkun suġġett għall-ħlas tal-penali hi li hu ma bagħatx interpellazzjoni fi żmien ħmistax -il ġurnata qabel ma ġie ppreżentant il-mandat.

Il-Qorti pero' tqis li ebda waħda minn dawn ir-raġunijiet ma treġi fil-fatt u fid-dritt. Fl-ewwel lok hawn si tratta ta' pretiża ta' ħlas ta' salarju għal xogħol li allegatament sar u li allura fuq bażi *prima facie* ma timmanifesta ruħha ebda malizzja, frivolosita' jew vessatorjeta' f'li wieħed jeżerċita d-dritt li jissalvagwardja d-dritt tiegħu għal tali ħlas. Di piu' l-Mandat impunjat ġie wkoll segwit bil-kawża appożita fil-mertu. Fit-tieni lok ma ġiex pruvat a sodisfazzjon tal-Qorti anke fuq bażi *prima facie* li xi ħlas dovut lill-kaptan Vincenti bħala salarju ġie saldat kif qed jingħad mir-rikorrenti. Inoltre, kif ġa ngħad, ma ntweriex li l-mandat huwa eseġerat u eċċessiv u wisq inqas intwera li l-għan tal-Mandat kien li jxekkel intenzjonalment il-ħidma tar-rikorrenti. Mill-atti mbagħad jirriżulta wkoll li fit-28 ta' Ġunju 2018 il-kaptan Vincenti kien effettivament bagħat interpellazzjoni għall-ħlas għas-servizzi li kien ta lir-rikorrenti odjerni. Anke jekk dakinhar huwa ma kienx speċifika l-ammont mitlub minnu, il-pretensjoni tiegħu għall-ħlas hija ben dedotta, għall-liema ma jirriżultax li l-istess rikorrenti irreaġixxew b'risposta.

La allura l-estremi li trid il-liġi għall-impożizzjoni tal-penali ma rriżultawx għax ma ntweriex li l-ħruġ tal-Mandat kawtelatorju in kwistjoni kien wieħed abbużiv, ma hemm ebda raġuni valida biex it-talba tar-rikorrenti odjerni tintlaqa' fir-rigward.

Ir-rikorrenti odjerni jivventilaw ukoll il-pretensjoni li l-Qorti għandha takkorda wkoll id-danni a tenur tal-**artikolu 836 (9) tal-Kap 12**. Din id-dispożizzjoni tal-liġi tgħid hekk -

*"9) Fil-każijiet li jaqgħu taħt is-subartikolu ta' qabel dan, il-qorti tista', meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tiegħu jkun inħareġ il-mandat kawtelatorju sabiex iħallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setgħet ġarrbet bil-ħruġ tal-mandat, u f'kawżi bħal dawk il-qorti għandha tara u tuża l-iskritturi tal-proċedimenti tal-att kawtelatorju u ta' kull proċediment ieħor li*

*joħroġ jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi għandhom jitqiesu bħala prova ammissibbli għall-finijiet ta' din l-azzjoni."*

Fil-proċeduri **Richard Cranston vs Kenneth William Donaldson deċiż fit-18 ta' Lulju 2011** ingħad hekk dwar dan is-subartikolu -

*"Għalkemm il-kundanna għall-ħlas tad-danni sofferti mid-debitur li kontra tiegħu inħareġ Mandat kawtelatorju hija marbuta mal-każijiet elenkati fis-subartikolu (8) ta' l-Artikolu 836 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, fosthom il-każ li l-kreditur, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-Liġi, jew li fi żmien ħmistax-il ġurnata qabel it-talba għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju ma jkunx interpella lid-debitur għall-ħlas, id-debitur li jitlob il-likwidazzjoni u konsegwenti kundanna ħlas tad-danni għandu jipprova b'mod sodisfaċenti d-danni minnu effettivament sofferti bil-ħruġ tal-mandat kawtelatorju kontra tiegħu. Fin-nuqqas ta' tali prova, għad illi l-Qorti tista' ssib li jissussitu wieħed jew iktar mill-każijiet elenkati fl-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, it-talba għall-likwidazzjoni u konsegwenti kundanna ħlas tad-danni ma tistax tiġi milqugħa."*

Oltre l-fatt li ebda wieħed mill-każijiet elenkati fis-subartikolu (8) ta' l-Artikolu 836 tal-Kap.12 ma ġie pruvat, il-Qorti tqis li fi kwalunkwe każ fil-proċeduri tal-lum lanqas ma ġew pruvati b'mod sodisfaċenti d-danni li allegatament ġew sofferti mir-rikorrenti. Minkejja li huma jgħidu li *"l-mandat de quo ipparalizza n-negozju*[8]*"* tagħhom ma ġabu ebda prova konkreta ta' dan u għalhekk il-Qorti mhix ser takkolji din it-talba.

In fine r-rikorrenti jitolbu lill-Qorti sabiex tordna lill-Kaptan Vincenti jiddepożita somma in garanzija sabiex tkopri penali, danni nġenti u mgħaxijiet talvolta spettanti lilhom a tenur tal-**artikolu 838A tal-Kap 12** li jgħid hekk -

*"Il-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ ta l-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju."*

[8] Para 2.12.5 fir-rikors promotur a fol 6

Fil-każ **IT&T Limited vs Net4U Limited deċiż fis-27 t'April 2007** ingħad hekk dwar dan il-provvediment tal-liġi -

*"Din hija alternativa għat-talba għat-tħassir tal-mandat u tingħata meta l-mandat b'xi mod għadu fis-seħħ. Għalhekk trid tintwera lill-Qorti "ġusta kawża" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti esekutanti l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareg il-mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill Qorti tagħti dik is-sanzjoni. It-tifsira ta' kawża ġusta ma teħodiex minn dak li jgħid l-artikolu 836(1) tal-Kap 12 għax jekk ikun hemm dawk ir-raġunijiet, il-mandat għandu jitħassar u mhux jinżamm fis-seħħ sakemm tingħata garanzija."*

Fil-proċeduri odjerni il-"kawża ġusta" li jiċċitaw ir-rikorrenti in sostenn tat-talba tagħhom huma li "*l-assjem tal-fatti rilevanti għall-preżenti proċeduri*[9]". Huwa minnu li kif jgħid il-kaptan Vincenti fir-risposta tiegħu, fil-parti rekwiżittiva tar-rikors promotur ma hemm ebda talba għad-depożitu ta' xi garanzija pero' fi kwalunkwe każ hija l-fehma tal-Qorti li fid-dawl tal-kunsiderazzjonjiet magħmula fis-suespost, ir-raġunijiet li fuqhom ibbażaw it-talba tagħhom għar-revoka tal-Mandat ma jekwivalux għal "kawża ġusta" *per se* li għandha twassal għall-akkolijiment tat-talba tar-rikorrenti a tenur ta' dan l-artikolu.

Ghalhekk lanqas din it-talba ma timmerita li tintlaqa'.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad ir-rikors tal-Kaptan Marcello Labor u TRTO Agency Ltd tat-8 ta' Awissu 2018 għar-revoka tal-Mandat kawtelatorju 1246/18 u dan bl-ispejjeż kontra tagħhom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

[9] Para 2.12.6

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**